IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.7.2016
COM(2016) 442 final

2016/0204 (APP)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi Qafas Pluriennali għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għall-2018-2022

MT MT

MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Fil-15 ta' Frar 2007, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 168/2007 (ir-Regolament)[1] li jistabbilixxi l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (l-Aġenzija). L-Aġenzija bdiet topera fl-1 ta' Marzu 2007.

L-għan tal-Aġenzija huwa li tipprovdi lill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji rilevanti tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha b’assistenza u b’għarfien espert relatat mad-drittijiet fundamentali biex tgħinhom jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali meta jieħdu miżuri u jfasslu strateġiji ta' azzjoni fl-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni. Il-kompiti fdati lill-Aġenzija huma stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament u li jikkonċernaw il-ġbir, l-analiżi u t-tixrid ta’ informazzjoni u dejta kredibbli u komparabbli, għall-iżvilupp ta’ metodi u standards għat-titjib tal-komparabbilità, l-oġġettività u l-kredibbiltà tad-dejta fuq livell Ewropew, u t-tfassil ta’ konklużjonijiet u opinjonijiet dwar suġġetti tematiċi speċifiċi, għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri. L-Aġenzija toħloq ukoll għarfien pubbliku dwar id-drittijiet fundamentali u xxerred informazzjoni dwar il-ħidma tagħha. L-Aġenzija twettaq il-kompiti tagħha fl-ambitu tal-liġi tal-Unjoni. B’hekk l-Aġenzija tirreferi għad-drittijiet fundamentali kif stabbiliti fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. L-Aġenzija mhijiex korp leġizlattiv jew korp li jistabbilixxi standards. Mhijiex awtorizzata tittratta l-legalità tal-atti tal-Unjoni u lanqas it-twettiq tal-obbligi tal-Istati Membri skont il-liġi tal-Unjoni. Il-ħidma tagħha hija strumentali biex tipprovdi dejta, assistenza u għarfien espert dwar kwistjonijiet ta’ drittijiet fundamentali li jappoġġaw it-tfassil ta’ politika bbażata fuq l-evidenza madwar l-UE, u b’hekk tikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp ta’ kultura ta’ drittijiet fundamentali fl-UE.

Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament, l-oqsma tematiċi tal-attività tal-Aġenzija għandhom jiġu determinati permezz ta' Qafas Pluriennali ta' ħames snin. L-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti tagħha fl-oqsma tematiċi stabbiliti f’dan il-Qafas. Il-Qafas Pluriennali mhuwiex programm ta' ħidma. Il-programmi ta' ħidma tal-Aġenzija huma adottati kull sena mill-Bord tat-Tmexxija tagħha fl-oqsma tematiċi determinati mill-Qafas Pluriennali. Wara talbiet mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 4(1)(c) u (d) tar-Regolament, l-Aġenzija tista' taħdem barra minn dawn l-oqsma tematiċi, sakemm ir-riżorsi finanzjarji u umani tagħha jkunu jippermettu.

L-objettiv ta' din il-proposta hija li jiġi stabbilit Qafas Pluriennali għall-Aġenzija għall-perjodu 2018-2022, kif mitlub mill-Artikolu 5 tar-Regolament. Il-Qafas Pluriennali attwali (2013-2017) jiskadi fi tmiem l-2017.

Il-Qafas Pluriennali ta’ ħames snin tal-Aġenzija jrid ikun ibbażat fuq numru ta’ elementi stabbiliti mill-Artikolu 5 tar-Regolament bħal:

(i) Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-Bord tat-Tmexxija fit-tħejjija tal-proposta tagħha;

[1] ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1.

(ii) Il-Qafas Pluriennali jrid jkun konsistenti mal-prijoritajiet tal-Unjoni, filwaqt li jittieħed kont dovut tal-orjentamenti li jirriżultaw mir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u mill-konklużjonijiet tal-Kunsill fil-qasam tad-drittijiet fundamentali;

(iii) Il-Qafas Pluriennali jrid jagħti l-importanza xierqa lir-riżorsi finanzjarji u umani tal-Aġenzija;

(iv) Il-Qafas Pluriennali jrid jinkludi dispożizzjonijiet maħsuba biex ikun hemm kumplimentarjetà mar-responsabbiltajiet ta' korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni, kif ukoll mal-Kunsill tal-Ewropa u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra attivi fil-qasam tad-drittijiet fundamentali;

(v) Il-Qafas Pluriennali jrid jinkludi fost l-oqsma tematiċi l-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata.

Il-Kummissjoni qieset ukoll il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin waqt il-preparazzjoni ta' din il-proposta:

(i) Il-ħtieġa li jkun żgurat li l-ħidma tal-Aġenzija tibqa' ffukata fuq oqsma ewlenin, filwaqt li jkunu meqjusa r-riżorsi finanzjarji u umani tagħha;

(ii) Il-ħtieġa li tkun żgurata l-kontinwità fil-ħidma tal-Aġenzija, partikolarment, fid-dawl tal-importanza tal-kisba ta' dejta relevanti, oġġettiva, li wieħed jista' joqgħod fuqha u kumparabbli mill-Aġenzija matul is-snin;

(iii) Il-konsultazzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija u dawk tal-valutazzjonijiet interni u esterni tal-Aġenzija.

Temi proposti:

Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tipproponi li ssegwi l-opinjoni tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija li jissuġġerixxi li jiġu kkonfermati l-oqsma tematiċi preċedenti filwaqt li titneħħa l-esklużjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u tiżdied referenza għal kooperazzjoni tal-pulizija. Barra minn hekk, fit-tema relatata għall-integrazzjoni tar-Rom, aspetti soċjali ta' inklużjoni għandhom jissaħħu. L-oqsma tematiċi proposti fil-Qafas Pluriennali tal-Aġenzija għas-snin 2018–2022 għaldaqstant huma dawn li ġejjin (f'ordni alfabetiku):

(a) *l-aċċess għall-ġustizzja u l-vittmi tal-kriminalità;*

(b) *l-ugwaljanza u nondiskriminazzjoni;*

(c) *is-soċjetà tal-informazzjoni u, b'mod partikolari, ir-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni tad-dejta personali;*

(d) *kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija;*

(e) *il-migrazzjoni, il-fruntieri, l-ażil u l-integrazzjoni tar-refuġjati u l-migranti;*

(f) *ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata;*

(g) *id-drittijiet tat-tfal;*

(h) *L-integrazzjoni tar-Rom u l-inklużjoni soċjali.*

- **Il-konsistenza ma' dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika u politiki oħra tal-Unjoni**

Il-Qafas Pluriennali attwali (2013–2017) ġie stabbilit permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 252/2013/UE tal-11 ta' Marzu 2013[2]. L-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni jistabbilixxi l-oqsma tematiċi segwenti:

a) *l-aċċess għall-ġustizzja;*

b) *il-vittmi ta' kriminalità, inkluż il-kumpens għall-vittmi tal-kriminalità;*

c) *is-soċjetà tal-informazzjoni u, b'mod partikolari, ir-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni tad-dejta personali;*

d) *l-integrazzjoni tar-Rom;*

e) *il-kooperazzjoni ġudizzjarja, ħlief fi kwistjonijiet kriminali;*

f) *id-drittijiet tat-tfal;*

g) *id-diskriminazzjoni abbażi tas-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali;*

h) *l-immigrazzjoni u l-integrazzjoni tal-migranti, il-viżi u l-kontroll tal-fruntieri u l-ażil;*

i) *ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata.*

Din il-proposta tikkonferma r-rilevanza għall-perjodu ta' ħames snin li ġejjin mill-oqsma tematiċi stabbiliti għall-Aġenzija għall-2013-2017. L-ebda tema ma hi rtirata. Il-konferma ta' temi attwali tiżgura l-kontinwità u l-konsistenza fil-ħidma tal-Aġenzija. Dan jippermetti lill-Aġenzija biex tkompli l-ħidma li għaddejja u ttenni studji fuq skala kbira f'dawn l-oqsma, biex titjieb il-komparabbiltà u tidentifika t-tendenzi. Dan jippermetti wkoll lill-Aġenzija biex ittejjeb l-kredibbiltà, l-objettività, ir-relevanza u l-komparabbiltà tad-dejta miġbura u li għandha tinġabar f'dawn l-oqsma. Dan jippermetti lill-Aġenzija biex tiżviluppa u tirfina l-kompetenza tagħha f'dawn l-oqsma.

L-Artikolu 5(2)(c) jitlob li l-Qafas Pluriennali jkun konsistenti mal-prijoritajiet tal-Unjoni, filwaqt li jikkunsidra kif xieraq l-orjentamenti li jirriżultaw mir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-konklużjonijiet tal-Kunsill fil-qasam tad-drittijiet fundamentali. Il-kwistjonijiet relatati mad-drittijiet fundamentali li ssemmew permezz ta' riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew[3] u konklużjonijiet tal-Kunsill[4] f'dawn l-aħħar snin fil-biċċa l-kbira jikkonfermaw ir-

[2] ĠU L 79, 21.3.2013, p. 1.

[3] Riżoluzzjonijiet ewlenin reċenti tal-Parlament Ewropew li jikkonċernaw id-drittijiet fundamentali: Il-Fond għall-Fruntieri Esterni, il-Fond Ewropew għar-Refuġjati u l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi tas-06.02.2013; Soluzzjoni għar-riżoluzzjoni tat-tilwim tal-konsumaturi onlajn tat-12.03.2013; L-istereotipi tas-sessi fl-UE tat-12.03.2013; Il-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u r-reati ta' mibegħda tal-14.03.2013; L-integrazzjoni tal-migranti tal-14.03.2013; It-trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa tas-16.04.2013; Regoli standard għal-libertà tal-midja madwar l-UE tal-21.05.2013; Impatt tal-kriżi fuq l-aċċess għall-kura tal-gruppi vulnerabbli tal-04.07.2013; Strateġija tal-UE ta' Sigurtà Ċibernetika tat-12.09.2013; Minorenni mhux akkumpanjat fl-UE tat-12.09.2013; Il-flussi migratorji fil-Mediterran, u Lampedusa tat-23.10.2013; Aspetti tal-Ġeneru tal-Qafas Ewropew ta' strateġiji nazzjonali għall-inklużjoni tar-Rom tal-10.12.2013; Programm tad-Drittijiet u ċ-Ċittadinanza 2014–2020 tal-10.12.2013; In-nisa b'diżabbiltà tal-11.12.2013; Implimentazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom tat-12.12.2013; Il-kriminalizzazzjoni tal-persuni LGBTI tas-

rilevanza tat-temi proposti fil-Qafas Pluriennali 2018-2022. Huma jindikaw ukoll ir-rilevanza inkluż il-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali.

Barra minn hekk, ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata jibqgħu tema ċentrali għall-ħidma tal-Aġenzija skont il-proposta li hija konsistenti mal-Artikolu 5(2)b tar-Regolament u mal-ħtieġa li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jkunu appoġġati b'dejta u għarfien espert dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali[5].

Barra minn hekk, enfasi kontinwa fuq l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, id-drittijiet tat-tfal, il-migrazzjoni u l-ażil, il-protezzjoni tad-dejta personali, l-aċċess għall-ġustizzja, id-drittijiet tal-vittma u l-kooperazzjoni ġudizzjarja jkomplu jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-UE f'oqsma importanti oħra tad-drittijiet fundamentali[6]. L-

---

16.01.2014; Pjan direzzjonali tal-UE kontra l-omofobija u d-diskriminazzjoni abbażi ta' orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru tal-04.02.2014; Il-migranti nisa mhux dokumentati fl-UE tal-04.02.2014; Il-vjolenza kontra n-nisa tal-25.02.2014; Is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea (2012) tas-27.02.2014; Mandat ta' Arrest Ewropew tas-27.02.2014; Il-programm ta' sorveljanza tal-NSA, l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE tat-12.03.2014; Il-protezzjoni tal-individwi rigward l-ipproċessar tad-dejta personali tat-12.03.2014; L-ipproċessar ta' dejta personali għall-finijiet tal-prevenzjoni tal-kriminalità tat-12.03.2014; Evalwazzjoni tal-ġustizzja fir-rigward tal-ġustizzja kriminali u l-istat tad-dritt tat-12.03.2014; Rapport tal-2013 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE tat-12.03.2014; Il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni tat-13.03.2014; Is-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni tat-13.03.2014; Eżami ta' nofs il-perjodu tal-Programm ta' Stokkolma tat-02.04.2014; Il-libertajiet reliġjużi u d-diversità kulturali tas-17.04.2014; Is-Suq Uniku Diġitali tas-27.11.2014; Is-sitwazzjoni fil-Mediterran u approċċ olistiku għall-migrazzjoni tas-17.12.2014; Progress dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-UE fl-2013 tal-10.03.2015; Il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal fuq l-Internet, tal-11.03.2015; Jum Internazzjonali tar-Rom tal-15.04.2015; L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew tad-29.04.2015; Il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà tal-20.05.2015; L-istrateġija tal-UE għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel wara l-2015 tad-09.06.2015; Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà tad-09.07.2015; Sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE (2013–2014) tat-08.09.2015; Il-migrazzjoni u r-rifuġjati fl-Ewropa tal-10.09.2015; Sorveljanza elettronika tal-massa taċ-ċittadini tal-UE tad-29.10.2015; It-tnaqqis tal-inugwaljanzi b'enfasi speċjali fuq il-faqar fost it-tfal tal-24.11.2015; Il-politika ta' koeżjoni u l-komunitajiet emarġinati tal-24.11.2015; Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi tal-25.11.2015; L-Att lejn Suq Uniku Diġitali tad-19.01.2016; Ir-rwol tad-djalogu interkulturali, id-diversità kulturali u l-edukazzjoni fil-promozzjoni tal-valuri fundamentali tal-UE tad-19.01.2016; Il-preżunzjoni ta' innoċenza u d-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali tal-20.01.2016; Is-salvagwardji proċedurali għat-tfal issuspettati jew mixlija fi proċedimenti kriminali tad-9.03.2016.

4 Konklużjonijiet ewlenin tal-Kunsill reċenti li jikkonċernaw id-drittijiet fundamentali: Ir-rapport tal-2012 tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-29.05.2013; Strateġija ta' Sigurtà Ċibernetika tat-22.07.2013; Strateġija tal-UE ta' Sigurtà Ċibernetika tat-23.10.2013; Evalwazzjoni tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tal-5-6.12.2013; Il-ġlieda kontra r-reati ta' mibegħda fl-UE tal-5.12.2013; Avvanz tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-10.12.2013; Sitwazzjoni soċjali fl-UE tat-12.03.2014; Ir-rapport tal-2013 tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-21.05.2014; Libertà, Sigurtà u Ġustizzja u xi kwistjonijiet orizzontali relatati tas-16.07.2014; Il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal tal-05.12.2014; Applikazzjoni tal-Karta tat-22.05.2015; Id-Diplomazija ċibernetika tal-11.02.2015; Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija tal-20.07.2015; Migrazzjoni tal-20.07.2015; Migrazzjoni tat-12.10.2015.

5 ĠU L 328, 6.12.2008, p. 55.

6 Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol, ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16; Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità, ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22; Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Aġenda tal-UE għad-Drittijiet tat-Tfal, COM(2011) 60 finali; Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u

integrazzjoni tar-Rom tibqa' wkoll prijorità u qasam fejn l-Aġenzija għad għandha ħafna xi twettaq. B'enfasi fuq l-inklużjoni soċjali f'dan ir-rigward, kif propost mill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija, hija konformi sew mal-iżviluppi tal-UE f'dan il-qasam[7].

Fl-aħħar nett, skont l-Artikolu 5(2)e tar-Regolament, il-proposta tinkludi dispożizzjonijiet maħsuba biex tkun żgurata l-komplementarjetà mar-responsabbiltajiet ta' korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni, kif ukoll mal-Kunsill tal-Ewropa u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra attivi fil-qasam tad-drittijiet fundamentali[8]. L-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni l-iktar relevanti fir-rigward ta' din il-proposta huma l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil (European Asylum Support Office, EASO)[9], l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni (FRONTEX)[10], l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (European Institute for Gender Equality, EIGE)[11], il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta (European Data Protection Supervisor, EDPS)[12], l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerk u l-Informazzjoni (ENISA)[13], l-Unità għall-Kooperazzjoni Ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea (EUROJUST)[14], l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (EUROPOL)[15], il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL)[16]; il-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u x-xogħol (EUROFOUND)[17] u l-Aġenzija

---

Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: L-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, COM(2015) 240 final; Id-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali, ĠU L 280, 26.10.2010, p. 1; Id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà, ĠU L 294, 6.11.2013, p. 1; Id-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali, ĠU L 65, 11.3.2016, p. 1; Id-Direttiva 2016/800/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar salvagwardji għat-tfal involuti fi proċedimenti kriminali, ĠU L 132, 21.5.2016, p. 1; Proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar għajnuna legali proviżorja għal persuni ssuspettati jew mixlija li huma mċaħħda mil-libertà kif ukoll għajnuna legali fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, COM(2013) 824 finali; Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-esekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali dejta, u li tħassar id-Deċiżjoni Kwadra tal-Kunsill 2008/977/ĠAI, ĠU L 119, 4.5.2016, p. 189; Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' tali dejta, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Dejta), ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.

7 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Qafas tal-UE għall-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom sal-2020, COM(2011) 173 finali; Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2013 dwar miżuri effettivi għall-integrazzjoni tar-Rom fl-Istati Membri, ĠU C 378, 24.12.2013, p. 1; Komunikazzjoni mill-Kummissjoni: Ewropa 2020 Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv, COM(2010) 2020 finali; Konsultazzjoni pubblika dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali: http://ec.europa.eu/priorities/deeper-and-fairer-economic-and-monetary-union/towards-european-pillar-social-rights/public_en.

8 L-Artikolu 5(2)(e) tar-Regolament fondatur tal-Aġenzija.

9 Stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 439/2010, ĠU L 132, 29.5.2010, p. 11.

10 Stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 2007/2004, ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1.

11 Stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1922/2006, ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.

12 Stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 45/2001, ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

13 Stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 460/2004, ĠU L 077, 13.03.2004, p. 1.

14 Stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI, ĠU L 63, 6.3.2002, p. 1.

15 Stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.

16 Stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI, ĠU L 256, 1.10.2005, p. 63.

17 Stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1365/75 ĠU L 139, 30.5.1975, p. 1.

Ewropea għal Tmexxija Operazzjonali tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA)[18].

2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

• Il-bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni li tistabbilixxi l-Qafas Pluriennali 2018-2022 hija l-Artikolu 352 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Dan kien ukoll il-bażi ġuridika ta' deċiżjoni li tistabbilixxi l-Qafas Pluriennali 2013–2017.

Għandu jiġi nnutat li għall-ewwel Qafas Pluriennali 2007-2012, il-bażi ġuridika kienet l-Artikolu 5(1) tar-Regolament tal-Aġenzija (ir-Regolament tal-Kunsill Nru 168/2007). Madankollu, din il-bażi ġuridika ma tistax tintuża iktar minħabba li hi bażi ġuridika sekondarja fit-tifsira tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza fil-Kawża C-133/06[19]. Il-bażi ġuridika għall-proposti ta' Qafas Pluriennali jinħtieġ li għalhekk tkun dispożizzjoni tat-Trattat. Fin-nuqqas ta' xi dispożizzjoni oħra (iktar speċifika), il-bażi ġuridika jinħtieġ li tkun dik tar-Regolament tal-Aġenzija, li kien adottat abbażi tal-Artikolu 308 tat-Trattat tal-Komunità Ewropea preċedenti. Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona, verżjoni emendata ta' dan l-artikolu issa saret l-Artikolu 352 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)

• Sussidjarjetà

L-Artikolu 5(1) tar-Regolament tal-Aġenzija jipprevedi li l-Qafas Pluriennali tal-Aġenzija għandu jiġi adottat kull ħames snin mill-Kunsill, li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni u wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew. Għal din ir-raġuni, din hija inizjattiva rikorrenti u obbligatorja tal-UE, li tippermett l-konferma jew l-aġġornament ta' oqsma tematiċi li fihom l-Aġenzija jinħtieġ li tiffoka l-ħidma tagħha għall-perjodu ta' ħames snin li ġejjin.

• Proporzjonalità

Il-proposta hija proporzjonata minħabba li ssegwi l-format u l-kamp ta' applikazzjoni preskritt mir-Regolament. Ma hemm l-ebda diskrezzjoni għall-Kummissjoni. Għandu jiġi nnutat ukoll li l-Aġenzija kienet twaqqfet sabiex tiżviluppa korp ta' informazzjoni rilevanti, oġġettiva, kredibbli u komparabbli u dejta dwar kwistjonijiet tad-drittijiet fundamentali fil-livell Ewropew biex timla l-lakuna ta' tagħrif fl-oqsma koperti mill-Qafas Pluriennali. Bħalissa ma hemm l-ebda mod b'anqas piż biex tinġabar u tkun iċċentralizzata l-informazzjoni rilevanti tad-drittijiet fundamentali komparabbli mill-Istati Membri kollha biex jappoġġaw l-iżvilupp ta' politiki bbażati fuq xhieda fl-UE fil-qasam tad-drittijiet fundamentali. Dan tikkonfermah l-evalwazzjoni esterna tal-Aġenzija li twettqet fl-2012[20].

• L-għażla tal-istrument

Ma hemm l-ebda għażla ta' strument li għandu jintuża. L-Artikolu 5 tar-Regolament jipprovdi li l-Qafas Pluriennali għandu jiġi stabbilit mill-Kunsill, li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni u wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew.

F'konformità mal-Artikolu 352 TFUE li huwa l-bażi ġuridika għal din il-proposta, il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjoni tiegħu, billi jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni u wara l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.

---

[18] Stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1077/2011, ĠU L 286, 1.11.2011, p. 1.

[19] Is-Sentenza tas-6 ta' Mejju 2008, il-Parlament vs il-Kunsill, il-Kawża 133/06, Ġabra 2008 p. I-3189.

[20] Ramboll, Evaluation of the European Agency for Fundamental Rights, Final report, November 2012, p. 63, http://fra.europa.eu/sites/default/files/fra-external_evaluation-final-report.pdf, il-punt 3.4

3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjoni ex post**

Skont l-Artikolu 30(4) tar-Regolament, evalwazzjoni esterna saret fl-2012[21]. Hija tat valutazzjoni favorevoli f'termini ta' adegwatezza ta' assistenza u għarfien espert tal-Aġenzija. Evalwazzjoni esterna ġdida se ssir fl-2017 u se tħares lejn il-progress u l-kisbiet mill-aħħar evalwazzjoni. Din se tkopri l-mod li bih l-Aġenzija implimentat il-programm ta' ħidma tagħha, fil-Qafas Pluriennali 2013–2017 (Ara wkoll il-punt 5 hawn taħt għal arranġamenti ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u rappurtar).

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati u ġbir u użu ta' għarfien espert**

Ir-Regolament jeħtieġ li l-Kummissjoni tikkonsulta l-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija meta tħejji l-proposta tagħha dwar il-Qafas Pluriennali. Il-Kummissjoni stiednet lill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija waqt il-laqgħa tad-19-20 ta' Mejju 2015 biex iħejji bażi għal opinjoni li għandha titwassal lill-Kummissjoni kmieni fl-2016. L-opinjoni li tipprovdi l-opinjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija biex jiġi rivedut il-Qafas Pluriennali attwali ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni fl-1 ta' Marzu 2016[22]. L-opinjoni hija bbażata fuq diskussjonijiet waqt il-laqgħa tal-Bord tat-Tmexxija ta' Settembru 2015, konsultazzjoni mmirata mal-partijiet ikkonċernati f'Settembru 2015, laqgħa mal-partijiet interessati f'Novembru 2015, l-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku tal-Aġenzija u rieżami ta' nofs it-terminu tal-attivitajiet tal-Aġenzija bejn l-2013-2015[23]. Il-Kummissjoni kkonsultat ukoll il-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija dwar l-abbozz ta' proposta tiegħu fil-laqgħa tad-19-20 ta' Mejju 2016.

Ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-attivitajiet tal-Aġenzija bejn l-2013-2015 ikkonkluda r-rilevanza ta' dawn l-għanijiet tematiċi tal-Qafas Pluriennali kurrenti u għall-ħtieġa li jiġu żviluppati aktar l-għarfien espert tal-Aġenzija u s-settijiet ta' dejta f'dawn l-oqsma. Din il-konklużjoni ġiet informata b'mod partikolari minn rapporti ta' valutazzjoni tal-kisbiet għal kull qasam tematiku u tressqet analiżi preliminari tal-impatt miksub fl-oqsma tematiċi differenti.

Il-konsultazzjoni mmirata tal-partijiet interessati[24] kienet ibbażata fuq kwestjonarju dwar il-qafas pluriennali u r-reviżjoni tagħha. Sitta u tmenin fil-mija (86 %) ta' dawk kollha li wieġbu sabu li t-temi tal-Qafas Pluriennali attwali kienu għadhom rilevanti u jinħtieġ li jinżammu fil-Qafas Pluriennali l-ġdid tal-Aġenzija għas-snin 2018-2022. Dan kien ikkonfermat mill-laqgħa ta' Novembru 2015 tal-partijiet interessati, l-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku u l-opinjoni tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija mogħtija fl-1 ta' Marzu 2016.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-Artikolu 5 tar-Regolament jistipula li l-oqsma tematiċi ta' attività tal-Aġenzija jridu jiġu stabbiliti f'Qafas Pluriennali ta' ħames snin li għandu jkun adottat mill-Kunsill li jaġixxi fuq

---

[21] Ramboll, Evaluation of the European Agency for Fundamental Rights, Final report, November 2012, p. 63, http://fra.europa.eu/sites/default/files/fra-external_evaluation-final-report.pdf.

[22] http://fra.europa.eu/en/about-fra/what-we-do/areas-of-work/multi-annual-framework-2018-2022.

[23] http://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/fra-2016-mid-term-review-strategic-plan-2013-2017_en.pdf.

[24] Intbagħat kwestjonarju lil madwar 500 kuntatt immirat fl-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-korpi nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem (korpi ta' ugwaljanza, l-istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem u istituzzjonijiet Ombuds). Ir-riżultati jinsabu fuq: http://fra.europa.eu/en/about-fra/what-we-do/areas-of-work/multi-annual-framework-2018-2022.

proposta mill-Kummissjoni. Il-Qafas Pluriennali attwali (2013-2017) jiskadi fi tmiem l-2017. Għalhekk, proposta għal Qafas Pluriennali ġdid hija kompitu obbligatorju, rikorrenti skont ir-Regolament. Ma hemmx għażla. Barra minn hekk, it-temi tal-Qafas Pluriennali preċedenti jibqgħu rilevanti. Wieħed minnhom b'mod obbligatorju huwa l-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata, kif preskritt mill-Artikolu 5(2)b tar-Regolament. Għalhekk lanqas ma hemm wisq latitudni dwar it-temi.

Il-Qafas Pluriennali ma jinvolvi l-ebda implikazzjoni baġitarja (ara l-punt 4).

Il-linjigwida "kaxxa tal-għodda" għal regolamentazzjoni aħjar jagħmluha ċara li valutazzjoni tal-impatt hija meħtieġa biss meta impatti ekonomiċi, ambjentali jew soċjali mistennija tal-azzjoni tal-UE x'aktarx li jkunu sinifikanti, li mhuwiex il-każ fil-Qafas Pluriennali. Il-"kaxxa tal-għodda" tindika wkoll li valutazzjoni tal-impatt mhijiex neċessarja "*meta jkun hemm ftit jew l-ebda għażla disponibbli għall-Kummissjoni (pereżempju meta l-Kummissjoni qed timplimenta d-deċiżjonijiet ta' politika preċedenti diġà soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt*)"[25]. Dan huwa l-każ fil-Qafas Pluriennali billi skont ir-Regolament, li kien soġġett għal valutazzjoni tal-impatt li tkopri l-obbligazzjoni għal Qafas Pluriennali, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda għażla ħlief li tagħmel proposta dwar Qafas Pluriennali kull ħames snin.

F'konformità mar-rekwiżiti tal-linjigwida, in-nuqqas ta' valutazzjoni tal-impatt u l-ġustifikazzjoni tagħha kienet indikata fil-pjan ta' direzzjoni għal din il-proposta.

4. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni diretta għall-baġit tal-UE. Il-Qafas Pluriennali jistabilixxi oqfsa tematiċi li fihom l-Aġenzija trid twettaq il-kompiti tagħha. L-Aġenzija tiżviluppa proġetti fl-oqsma ta' Qafas Pluriennali tagħha u bir-riżorsi umani u finanzjarji tal-baġit annwali tal-Aġenzija kif adottati mill-awtorità baġitarja. Dan ikun speċifikat fid-okumenti ta' pprogrammar tal-Aġenzija.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Il-pjanijiet għall-implimentazzjoni u l-arranġamenti ta' monitoraġġ, ta' evalwazzjoni u ta' rapportar**

Skont l-Artikolu 12(6)a tar-Regolament, il-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija għandu jadotta l-programm ta' ħidma tal-Aġenzija skont il-Qafas Pluriennali u wara li l-Kummissjoni u l-Kumitat Xjentifiku jkunu taw opinjoni. Dan jikkontribwixxi biex tiġi żgurata l-konsistenza tal-attivitajiet tal-Aġenzija mal-Qafas Pluriennali.

Barra minn hekk, l-Aġenzija tfassal Pjan Strateġiku għall-perjodu kopert mill-Qafas Pluriennali, li jistabbilixxi l-għanijiet u r-riżultati mistennija għal kull wieħed mill-oqsma tematiċi. Dan iservi bħala gwida għat-tħejjija tad-dokumenti ta' pprogrammar.

L-Aġenzija tippubblika rapport annwali dwar l-attivitajiet tagħha skont l-Artikolu 4(1)g tar-Regolament u twettaq regolarment evalwazzjonijiet interni tal-ħidma tagħha, ibbażata fuq il-Qafas Pluriennali, il-Pjan Strateġiku u dokumenti ta' programmazzjoni tiegħu. Rieżami ta' nofs it-terminu sar f'Novembru 2015 li jkopri l-perjodu 2013–2015[26]. Kien ibbażat fuq rapporti ta' inventarju għal kull wieħed mill-oqsma tematiċi koperti mill-Qafas Pluriennali u wera x'kienu l-kisbiet prinċipali. Ipprovda wkoll analiżi ta' impatt preliminari fuq l-ilħuq ta' "Għanijiet" u "Riżultati mistennija" previsti fil-Pjan Strateġiku tal-Aġenzija għall-2013-

[25] http://ec.europa.eu/smart-regulation/guidelines/tool_5_en.htm.
[26] http://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/fra-2016-mid-term-review-strategic-plan-2013-2017_en.pdf.

2017[27] għal kull qasam tematiku. Dan ġie diskuss mill-Bord tat-Tmexxija fil-laqgħa tiegħu ta' Settembru 2015. L-eżerċizzju ta' rendikont u rieżamin ta' nofs il-perjodu wkoll ikkontribwixxew għal riflessjoni fuq oqsma tematiċi tal-Aġenzija għall-Qafas Pluriennali 2018-2022.

Barra minn hekk, kif imsemmi fil-punt 3, evalwazzjoni esterna saret fl-2012[28]. Evalwazzjoni esterna ġdida se ssir fl-2017.

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

\- L-aċċess għall-ġustizzja u l-vittmi tal-kriminalità: Dawn l-oqsma huma l-oqsma ta' fokus tematiku tal-Aġenzija skont il-Qafas Pluriennali 2013-2017. Dawn huma relatati mill-qrib billi jkopru t-triq għal ġustizzja effettiva għaċ-ċittadini. Għalhekk huma jistgħu jinġabru flimkien għal raġunijiet wkoll ta' simplifikazzjoni tal-Qafas Pluriennali. Il-Programm ta' Stokkolma ssottolinja l-bżonn li jkun hemm aċċess aħjar għall-ġustizzja fl-UE u għal titjib fl-appoġġ għal dawk li jisfaw vittmi tal-kriminalità fl-UE. Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-Aġenda tal-Ġustizzja tal-UE għall-2020[29], il-Kummissjoni enfasizzat l-importanza li tiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja fuq termini ugwali fl-Istati Membri u tiżgura rapida u kredibbli u rimedju, inkluż permezz ta' "soluzzjonijiet bonarji". Hija enfasizzat koll l-isforzi tal-UE biex tiddefendi d-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità[30] u r-rispett tad-dritt għal rimedju effettiv. Il-Kunsill Ewropew fil-Konklużjonijiet tiegħu tas-27 ta' Ġunju 2014 li jiddefinixxu linji gwida strateġiċi għall-ispazju tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja enfasizzaw il-ħtieġa li jiġi ssimplifikat l-aċċess għall-ġustizzja, jiġu promossi rimedji effettivi u tissaħħaħ il-protezzjoni tal-vittmi. Sar appell biex jiġi mobilizzat l-għarfien espert tal-Aġenzija f'dan il-kuntest. L-Aġenzija f'dawn l-aħħar snin żviluppat l-għarfien speċjalizzat f'dan il-qasam. Pereżempju, hija ppubblikat rapport dwar il-Vittmi tal-kriminalità fl-UE[31], Rapport dwar l-isfruttament serju tax-xogħol[32] u l-istħarriġiet fuq skala kbira li jinkludu mistoqsijiet dwar l-esperjenzi ta' dawk li wieġbu bħala vittmi ta' kriminalità (Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni, l-istħarriġ dwar il-persuni LGBT, l-istħarriġ dwar l-esperjenzi tal-Lhud u l-perċezzjonijiet popolari ta' antisemitiżmu, stħarriġ dwar il-vjolenza kontra n-nisa)[33]. L-Aġenzija, barra minn hekk, ipproduċiet rapporti ġenerali dwar l-aċċess għall-ġustizzja, inkluż f'kuntesti speċifiċi (pereżempju dawk li qed ifittxu l-ażil, il-protezzjoni tad-dejta, it-tfal u fir-rigward tal-libertà li wieħed imexxi negozju), nediet gwida onlajn ċara dwar fejn għandhom imorru biex jiksbu rimedju (li għandha tiġi inkluża fil-Ġustizzja elettronika qabel tmiem l-2016), u bħalissa qed taħdem fuq Manwal dwar l-Aċċess għall-ġustizzja fl-Ewropa[34]. Biex l-Aġenzija tkun tista' twettaq il-ħidma tagħha f'dawn l-oqsma u tkompli tiżviluppa l-għarfien espert tagħha u l-korp ta' dejta kredibbli u komparabbli, jinħtieġ li jiġu kkonfermati dawn l-

---

27 http://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_strategic_plan_en.pdf.

28 Ramboll, Evaluation of the European Agency for Fundamental Rights, Final report, November 2012, p. 63, http://fra.europa.eu/sites/default/files/fra-external_evaluation-final-report.pdf.

29 COM(2014) 144 final.

30 Id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI, ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57; Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/80/KE tad-29 ta' April 2004 li għandha x'taqsam ma' kumpens għal vittmi ta' delitti, ĠU L 261, 6.8.2004, p. 15; Id-Direttiva 2011/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2011 dwar l-ordni Ewropea ta' protezzjoni, ĠU L 338, tal-21.12.2011, p. 2; Ir-Regolament (UE) Nru 606/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' protezzjoni f'materji ċivili, ĠU L 181, 29.6.2013, p. 4.

31 http://fra.europa.eu/en/publication/2014/victims-crime-eu-extent-and-nature-support-victims.

32 http://fra.europa.eu/en/publication/2015/severe-labour-exploitation-workers-moving-within-or-european-union.

33 http://fra.europa.eu/en/research/surveys.

34 http://fra.europa.eu/en/project/2014/handbook-access-justice-europe.

oqsma tematiċi fil-qafas pluriennali għall-perjodu 2018-2022. Dan ukoll intwera biċ-ċar f'evalwazzjonijiet interni tal-Aġenzija u fil-konsultazzjoni pubblika mnedija mill-Aġenzija fil-ħarifa 2015, fejn maġġoranza kbira ta' dawk li wieġbu indikaw li dawn l-oqsma ta' fowkus li jinħtieġ li jinżammu. Iż-żamma ta' dawn l-oqsma ta' fowkus hija appoġġata mill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija.

- L-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni: Huwa mistenni li l-Aġenzija tkompli tiġbor id-dejta dwar id-diskriminazzjoni u l-ugwaljanza. Dan kien qasam ċentrali għall-Qafas Pluriennali 2013-2017 u jinħtieġ li jibqa' hekk. Għas-simplifikazzjoni tal-kliem użati fil-Qafas Pluriennali preċedenti, jinħtieġ li ssir referenza għall-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni b'mod ġenerali u mhux jiġu elenkati r-raġunijiet speċifiċi ta' diskriminazzjoni koperti mill-Artikolu 21 tal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Ta' min jinnota li kwistjonijiet tas-sessi għandhom jiġu ttrattati biss b'konsultazzjoni u kooperazzjoni mill-qrib mal-EIGE li għandu mandat speċifiku biex jiġbor id-dejta dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess. L-Aġenzija ppubblikat għadd ta' rapporti rilevanti dwar l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni matul dawn l-aħħar snin (persuni b'diżabbiltà[35], id-diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentazzjoni sesswali[36], is-sitwazzjoni dwar l-Ugwaljanza fl-UE[37]). L-Istħarriġ tagħha dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni tal-UE (EU-MIDIS II)[38] se jkun imtenni regolarment biex ikunu jistgħu jiġu identifikati t-tendenzi. L-Aġenzija hija barra minn hekk għandha rwol speċifiku fil-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà. Il-ħidma kontinwa dwar l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni mill-Aġenzija se tkun importanti biex ikun hemm għarfien dwar kwistjonijiet fuq l-art u tkompli tappoġġa t-tfassil tal-politika f'dan il-qasam. Din għandha wkoll l-appoġġ tal-partijiet interessati tal-Aġenzija kif muri matul il-proċess ta' konsultazzjoni u mill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija.

- Is-soċjetà tal-informazzjoni u, b'mod partikolari, ir-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni tad-dejta personali: bl-Aġenda Diġitali għall-Ewropa[39], il-Kummissjoni Ewropea enfasizzat ir-rwol kruċjali tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, u b'mod partikulari tal-internet bħala "mezz vitali għall-attività ekonomika u soċjali: għan-negozju, ix-xogħol, il-logħob, il-komunikazzjoni u l-espressjoni libera tagħna." L-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali kkonfermat dan l-approċċ. L-istrateġija tagħti attenzjoni partikolari għall-impatt tagħha fuq id-dritt fundamentali għal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni.

Se jkun importanti li l-fiduċja u s-sigurtà onlajn jiġu kkonsolidati u jiġi żgurat l-aċċess għal pluralità ta' informazzjoni, sorsi u opinjonijiet. Dan jista' jsir billi jiġu indirizzati kwistjonijiet tad-drittijiet fundamentali fiċ-ċiberspazju, b'mod partikolari billi jissaħħu l-politiki għall-protezzjoni u t-tisħiħ tal-libertà u l-pluraliżmu tal-midja, irawmu litteriżmu medjatiku, irawmu l-protezzjoni tal-privatezza u tad-dejta personali u l-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità. Ittieħdu inizjattivi speċifiċi mill-UE, bħalma huma d-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija[40], l-Istrateġija tal-UE dwar iċ-

35 http://fra.europa.eu/en/theme/people-disabilities.
36 http://fra.europa.eu/en/theme/lgbti.
37 http://fra.europa.eu/en/opinion/2013/fra-opinion-situation-equality-european-union-10-years-initial-implementation-equality.
38 http://fra.europa.eu/en/project/2015/eu-midis-ii-european-union-minorities-and-discrimination-survey.
39 COM(2010) 245 finali.
40 Id-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI, ĠU L 335, 17.12.2011, p. 1.

Ċiberkriminalità[41], l-iżvilupp ta' Ċentru Ewropew tal-Kriminalità Ċibernetika fi ħdan il-Europol, id-Direttiva li tindirizza t-traffikar tal-bnedmin[42] u l-qafas leġiżlattiv tal-UE dwar il-protezzjoni tad-dejta[43]. Drittijiet fundamentali onlajn huma wkoll element importanti fil-governanza tal-Internet.

L-Aġenzija pproduċiet għadd ta' studji fil-qasam tal-protezzjoni tad-dejta bħal Manwal dwar il-protezzjoni tad-dejta tal-każistika Ewropea[44], studju dwar ir-rimedju disponibbli għall-individwi fir-rigward ta' prattiki ta' sorveljanza[45], u bħalissa qed taħdem fuq studju dwar l-implikazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem tal-użu ta' dejta bijometrika[46]. Huwa importanti li l-Aġenzija ssaħħaħ il-ħila esperta tagħha u tiġbor dejta dwar kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali li jappartjenu għad-dinja diġitali — inkluż kontenut tal-medja — u l-governanza tal-internet u dwar il-problemi fil-prattika li għandhom x'jaqsmu mal-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE f'dan il-qasam. L-Aġenzija se taħdem mill-qrib ma' aġenziji u atturi oħra tal-UE f'dawn l-oqsma, bħalma huma l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta, il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta, l-ENISA, eu-LISA u s-Servizz ta' Riċerka Konġunta (JRC).

- Kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija: Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-Aġenda tal-Ġustizzja tal-UE għall-2020[47] il-Kummissjoni enfasizzat l-importanza tat-tisħiħ tal-fiduċja reċiproka permezz tal-ħolqien ta' rabtiet bejn id-diversi sistemi ġudizzjarji u amministrattivi tal-Istati Membri. Dan japplika għal każijiet ċivili, kummerċjali, amministrattivi u kriminali u jimplika t-trawwim ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji, l-awtoritajiet amministrattivi u ta' infurzar tal-liġi u l-iżvilupp ta' standards minimi madwar l-UE. Huwa importanti li l-Aġenzija tkun kapaċi tappoġġa r-riċerka u l-inizjattivi tad-dejta li għandhom l-għan li jsaħħu l-kooperazzjoni ġudizzjarja. Dan il-qasam tematiku għandu għalhekk jibqa' fil-Qafas Pluriennali 2018–2022.

Għandu jiġi nnutat li l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali ġiet eskluża mill-Qafas Pluriennali 2013-2017 mill-Kunsill. Il-Kummissjoni kienet madankollu inkludiet dan il-qasam fil-proposta tagħha tal-2011[48]. Il-Parlament Ewropew ukoll saħaq bil-qawwa l-inklużjoni ta' kooperazzjoni kriminali u tal-pulizija fil-qafas pluriennali attwali tal-Aġenzija u profondament jiddispjaċih għan-nuqqas ta' qbil fil-Kunsill f'dan ir-rigward[49]. Tabilħaqq,

41 Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni dwar L-Istrateġija taċ-Ċibersigurtà tal-Unjoni Ewropea: Ċiberspazju Miftuħ, Sikur u Sigur, JOIN/2013/01 finali.

42 Id-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI, ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1.

43 Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali dejta, u li tħassar id-Deċiżjoni Kwadra tal-Kunsill 2008/977/ĠAI, ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89; Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' tali dejta, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Dejta), ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.

44 http://fra.europa.eu/en/project/2012/handbook-european-data-protection-case-law.

45 http://fra.europa.eu/en/project/2014/national-intelligence-authorities-and-surveillance-eu-fundamental-rights-safeguards-and.

46 http://fra.europa.eu/en/project/2012/handbook-european-data-protection-case-law.

47 COM(2014) 144 final.

48 Il-proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Qafas Pluriennali għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għall-2013-2017, COM (2011) 880 finali.

49 Ir-Riżoluzzjoni P7_TA(2012)0500 tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar is-sitwazzjoni tad-Drittijiet Fundamentali fl-UE (2010-2011), paragrafu 45; Rapport tar-Relatur dwar il-Qafas Pluriennali attwali:

minn mindu daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Liżbona, il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali hija parti mill-*acquis* tal-UE u ttieħdu inizjattivi importanti tal-UE f'dan il-qasam bħal pereżempju l-ħolqien ta' Uffiċċju tal-Prosekutur Ewropew[50] u standards komuni għall-protezzjoni tad-drittijiet ta' persuni suspettati u akkużati fi proċeduri kriminali[51]. Il-Kunsill Ewropew fil-Konklużjonijiet tiegħu tas-27 ta' Ġunju 2014 li jiddefinixxu linji gwida strateġiċi għall-ispazju tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja enfasizza l-ħtieġa li jiġi ssimplifikat l-aċċess għall-ġustizzja, jiġu promossi rimedji effettivi u tissaħħaħ il-protezzjoni tal-vittmi. Sar appell biex jiġi mobilizzat l-għarfien espert tal-Aġenzija f'dan il-kuntest. Barra minn hekk, il-fażi ta' tranżizzjoni stipulata fit-Trattat ta' Liżbona għall-ispazju ta' ġustizzja ntemmet fl-2014. Dan neħħa l-limitazzjonijiet għall-kontroll ġudizzjarji mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u r-rwol tal-Kummissjoni bħala l-Gwardjana tat-Trattat fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali. Id-ejta u l-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni fil-post huma għalhekk importanti għall-Kummissjoni biex twettaq ir-rwol tagħha ta' monitoraġġ. Il-ħidma tal-Aġenzija fil-qasam tal-ġustizzja kriminali diġà wriet li hi utli, fuq il-bażi ta' studji *ad hoc* li saru b'talba tal-Kummissjoni (dwar tfal fi proċedimenti kriminali[52], trasferiment ta' priġunieri[53], id-dritt għall-interpretar, it-traduzzjoni u l-informazzjoni fi proċedimenti kriminali[54]). Issa jinħtieġ li tkun parti integrali mit-tematika dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja. Dan kien appoġġat b'mod qawwi min-naħa tal-Bord tat-Tmexxija fl-opinjoni tiegħu u tqajjem ukoll fl-evalwazzjoni esterna tal-Aġenzija li saret fl-2012[55].

Dan japplika wkoll għall-kooperazzjoni tal-pulizija li jinħtieġ li tissemma b'mod ċar fil-Qafas Pluriennali 2018-2022. L-importanza li tissaħħaħ il-kooperazzjoni tal-pulizija kienet diġà enfasizzat mill-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu tas-27 ta' Ġunju 2014 u saret iktar ċara wara l-attakki terroristiċi li laqtu l-Istati Membri tal-UE fl-2015. Id-dimensjoni tad-drittijiet fundamentali hija kruċjali f'dan ir-rigward. Dan kien enfasizzat mill-Kummissjoni

---

http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?type=REPORT&reference=A7-2012-0361&language=EN.

50 Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, COM(2013) 534 finali.

51 Id-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali, ĠU L 280, 26.10.2010, p. 1; Id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà, ĠU L 294, 6.11.2013, p. 1; Id-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali, ĠU L 65, 11.3.2016, p. 1; Id-Direttiva 2016/800/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar salvagwardji proċedurali għat-tfal involuti fi proċedimenti kriminali, ĠU L 132, 21.5.2016, p. 1; Proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar għajnuna legali provviżorja għal persuni ssuspettati jew mixlija li huma mċaħħda mil-libertà kif ukoll għajnuna legali fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, COM(2013) 824 finali.

52 http://fra.europa.eu/en/publication/2015/child-friendly-justice-perspectives-and-experiences-professionals-childrens.

53 http://fra.europa.eu/en/project/2015/rehabilitation-and-mutual-recognition-practice-concerning-eu-law-transfer-persons.

54 http://fra.europa.eu/en/project/2015/right-interpretation-and-translation-and-right-information-criminal-proceedings-eu.

55 Ramboll, Evaluation of the European Agency for Fundamental Rights, Final report, November 2012, p. 63, http://fra.europa.eu/sites/default/files/fra-external_evaluation-final-report.pdf. L-evalwazzjoni esterna tal-Aġenzija tal-2012 ikkonkluda li l-esklużjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fil-qafas pluriennali kien meqjus bħala inkonsistenti minn perspettiva taċ-ċittadini Ewropej (ara p. vii, 63, 71 u 97).

fil-Komunikazzjoni tagħha dwar Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà[56]. Anki f'dan il-qasam l-Aġenzija pprovdiet appoġġ siewi fuq il-bażi ta' talbiet *ad hoc* mis-servizzi tal-Kummissjoni. Pereżempju, hija żviluppat "Tnax-il kundsiderazzjoni operazzjonali ta' drittijiet fundamentali għall-infurzar tal-liġi waqt l-ipproċessar tad-dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (Passenger Name Record, PNR)" fil-kuntest ta' għajnuna lill-Istati Membri fl-iżvilupp tal-istandards tad-drittijiet fundamentali xierqa fl-ipproċessar tad-dejta tal-PNR. Kooperazzjoni tal-pulizija msaħħa hija meħtieġa wkoll fid-dawl tal-kriżi tar-refuġjati li ġġib magħha żieda fit-traffikar tal-bnedmin u l-kuntrabandu ta' migranti. Huwa importanti li l-Aġenzija tista' tappoġġa permezz ta' dejta kredibbli u komparabbli u l-ġbir tal-aħjar prattiki, inizjattivi f'oqsma bħal pereżempju l-ġlieda kontra l-kuntrabandu tal-migranti, il-kriminalità organizzata u t-terroriżmu.

- Il-migrazzjoni, il-fruntieri, l-ażil u l-integrazzjoni tar-refuġjati u l-migranti: Minħabba ż-żieda qawwija fin-numru ta' persuni li jfittxu ażil f'dawn l-aħħar snin, il-migrazzjoni saret prijorità għolja għall-Kummissjoni, kif enfasizzat mill-President Juncker fid-diskors tiegħu dwar l-Istat tal-Unjoni fid-9 ta' Settembru 2015 u kif muri bl-adozzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni f'Mejju 2015[57] u l-bosta inizjattivi li diġà ttieħdu mill-Kummissjoni f'dan il-qasam jew li għad iridu jsiru. F'dan il-kuntest, u meta wieħed iqis iż-żieda fil-flussi migratorji lejn l-UE, ix-xogħol imwettaq mill-aġenzija huwa kruċjali fl-enfażi ta' kwistjonijiet fil-post. L-Aġenzija jinħtieġ li tkompli taħdem fuq il-ġbir tad-dejta fuq dan is-suġġett f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-aġenziji l-oħra tal-UE, b'mod partikolari l-EASO u l-FRONTEX. L-Aġenzija diġà ppubblikat għadd ta' rapporti f'dawn l-aħħar snin (pereżempju "ir-ritorn / trasferiment ta' tfal f'riskju li jkunu ċittadini tal-UE", "l-inklużjoni soċjali u l-parteċipazzjoni tal-migranti fis-soċjetà", "alternattivi għad-detenzjoni ta' dawk li jfittxu l-ażil u persuni fi proċeduri ta' ritorn", "l-ispejjeż ta' esklużjoni mill-kura tas-saħħa — il-każ ta' migranti f'sitwazzjoni irregolari", "Id-drittijiet fundamentali fil-fruntieri tal-art: konstatazzjonijiet minn punti ta' qsim tal-fruntiera magħżula tal-Unjoni Ewropea", "kanali ta' dħul legali lejn l-UE għal persuni fi bżonn ta' protezzjoni internazzjonali: kaxxa tal-għodda","id-drittijiet fundamentali fl-ajruporti u l-fruntieri tal-art","Manwal dwar il-liġi Ewropea dwar l-ażil, il-fruntieri u l-immigrazzjoni")[58] u ħadet sehem f'attivitajiet ta' taħriġ dwar id-drittijiet fundamentali għall-gwardji fil-fruntieri f'kooperazzjoni mal-FRONTEX. Hija ppubblikat ukoll il-ġbir tad-dejta ta' kull xahar dwar is-sitwazzjoni attwali tal-migrazzjoni fl-UE[59]. Fir-rigward tal-integrazzjoni tal-migranti (inklużi refuġjati), fl-2016 u l-2017 l-Aġenzija se twettaq żewġ proġetti kbar dwar l-integrazzjoni tal-migranti. L-ewwel nett, it-tieni fażi tal-istħarriġ tal-UE dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni (EU-MIDIS II) li se tippermetti li jiġu identifikati x-xejriet. It-tieni, il-ġbir ta' informazzjoni dwar il-politiki nazzjonali u reġjonali / lokali dwar l-inklużjoni soċjali u l-parteċipazzjoni tal-migranti fis-soċjetà permezz ta' netwerk ta' riċerka tal-Aġenzija FRANET (SIMPS). Dan ix-xogħol importanti dwar diskriminazzjoni lejn il-migranti u dwar l-inklużjoni soċjali jkollu jkompli lil hinn mill-2018. Dawk interessati jappoġġaw fil-parti l-kbira l-ħidma kontinwa tal-Aġenzija dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni. Sejħa biex l-Aġenzija tkompli l-ħidma dwar dawn il-kwistjonijiet sar ukoll mill-Bord tat-Tmexxija.

---

[56] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà, COM(2015) 185 final.

[57] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, COM(2015) 240 final.

[58] http://fra.europa.eu/en/theme/asylum-migration-borders.

[59] http://fra.europa.eu/en/theme/asylum-migration-borders/overviews.

- Ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata: dan il-qasam tematiku jridu jiġi inkluż fil-Qafas Pluriennali kif preskritt mill-Artikolu 5(2)b tar-Regolament innifsu. Ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-espressjonijiet oħrajn ta’ intolleranza qed jiżdiedu fl-UE, kemm onlajn kif ukoll offlajn. Huma megħjuna minn sfidi dejjem akbar fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni u fil-qasam tal-migrazzjoni. L-UE għamlet użu minn afas komuni dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija[60], li qed jiġi mmonitorjat mill-qrib mill-Kummissjoni. L-ewwel Kollokju Annwali dwar id-Drittijiet Fundamentali irriżulta f’lista ta’ azzjonijiet għall-ġlieda kontra r-reati ta’ mibegħda u d-diskors ta’ mibegħda u jrawmu kultura ta’ tolleranza inklużiv fl-UE[61]. Waqt il-Kollokju n-nuqqas ta’ deta kredibbli u komparabbli dwar ir-reati ta’ mibegħda kien enfasizzat. Għalhekk huwa importanti li l-Aġenzija tiffoka l-ħidma tagħha biex tgħin lill-Istati Membri jagħmlu progress f’dan il-qasam, inkluż permezz tal-iżvilupp ta’ metodoloġija komuni biex tiġbor dejta dwar ir-reati ta’ mibegħda. Dan għandu jsir f’kooperazzjoni mal-Eurostat. Minbarra dan, ikun importanti li l-Aġenzija regolarment ittenni l-istudji tagħha fuq skala kbira bħal dak dwar l-antisemitiżmu biex jiġu identifikati tendenzi, u tiżviluppa qafas ta’ dejta dwar l-mibgħeda kontra l-Musulmani u korp separat ta’ dejta dwar il-ksenofobija fid-dawl fil-kuntest tal-migrazzjoni.

- Id-drittijiet tat-tfal: Il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal huma mnaqqxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u hija prijorità għall-UE. Dan huwa qasam ewlieni ta' fowkus għall-ħidma tal-Aġenzija skont il-Qafas Pluriennali 2013-2017. L-Aġenzija ppubblikat ħafna riċerka dwar id-drittijiet tat-tfal ta’ rilevanza wkoll għal għadd ta’ oqsma oħra ta’ politika bħal pereżempju l-ażil u l-migrazzjoni, l-integrazzjoni soċjali, il-ġustizzja, in-nuqqas ta’ diskriminazzjoni, ir-razziżmu u l-ksenofobija, il-vjolenza kontra t-tfal, il-protezzjoni tat-tfal u l-kura tat-tfal[62]. Il-Kummissjoni kull sena torganizza Forum Ewropew dwar id-drittijiet tat-tfal [63] u reċentement ħadet passi fil-qasam ta’ sistemi ta’ protezzjoni tat-tfal[64] u l-qasam tat-tfal fil-migrazzjoni[65]. Riċerka u dejta ffukati fuq id-drittijiet tat-tfal huma essenzjali biex jappoġġaw u jinformaw l-inizjattivi tal-UE u dawk nazzjonali. Huwa importanti li d-drittijiet tat-tfal jibqgħu qasam ta’ attenzjoni tal-Aġenzija għall-2018-2022 sabiex tkun tista’ tkompli tiġbor id-dejta u tittraċċa l-progress u t-tendenzi matul iż-żmien dwar kwistjonijiet bħall-ġustizzja favorevoli għat-tfal u t-tfal f’sitwazzjonijiet vulnerabbli, billi jsiru operazzjonali l-indikaturi dwar id-drittijiet tat-tfal żviluppati mill-Aġenzija. Dan kien appoġġat b’mod qawwi mill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija.

- L-integrazzjoni tar-Rom u l-inklużjoni soċjali: L-integrazzjoni tar-Roma tikkostitwixxi prijorità ċara għall-UE. Il-"Qafas tal-UE għal Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom sal-2020" jitlob li l-Aġenzija, tiġbor dejta mill-Istati Membri dwar is-sitwazzjoni tar-Rom fir-rigward tal-aċċess għall-impjiegi, l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u l-akkomodazzjoni, kif ukoll taħdem mal-Istati Membri sabiex tiżviluppa metodi ta' monitoraġġ li jistgħu jipprovdu analiżi komparattiva tas-sitwazzjoni tar-Rom madwar l-Ewropa. Matul l-aħħar snin l-Aġenzija bniet kompetenza esperta fil-ġbir tad-dejta dwar kwistjonijiet tar-Rom,

---

[60] Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI tat-28 ta’ Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta’ razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali, ĠU L 328, 6.12.2008, p. 55.

[61] http://ec.europa.eu/justice/events/colloquium-fundamental-rights-2015/files/fundamental_rights_colloquium_conclusions_en.pdf.

[62] http://fra.europa.eu/en/theme/rights-child.

[63] http://ec.europa.eu/justice/fundamental-rights/rights-child/european-forum/index_en.htm.

[64] http://ec.europa.eu/justice/fundamental-rights/rights-child/protection-systems/index_en.htm.

[65] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-Qagħda Attwali tal-implimentazzjoni tal-Azzjonijiet ta’ Prijorità permezz tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, COM(2016) 85 final u l-Anness 6 tagħha dwar azzjonijiet li għaddejjin li jikkontribwixxu għall-protezzjoni tat-tfal fil-migrazzjoni.

kif jidher fir-rapporti tagħha dwar ir-Rom fi 11-il Stati Membri, is-sitwazzjoni taċ-ċittadini Rom tal-UE li jiċċaqilqu u jissetiljaw fi Stati Membri oħra tal-UE kif ukoll fl-Istħarriġ tal-UE dwar il-Minoritajiet u d-Diskriminazzjoni[66]. Iż-żamma Rom bħala prijorità tematika ewlenija kienet mitluba mill-partijiet interessati kif jidher mir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika mwettqa mill-Aġenzija. Dan kien appoġġat ukoll b'mod ċar mill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija. Għalhekk l-Aġenzija jinħtieġ li tkompli bl-isforzi tagħha biex tipprovdi dejta għall-Istati Membri kollha, fuq il-bażi wkoll ta' sett ta' indikaturi ta' integrazzjoni tar-Rom li għandhom jiġu żviluppati mill-Aġenzija f'komplementarjetà mal-għodda ta' rappurtar onlajn żviluppata mill-Kummissjoni. It-tisħiħ tal-inklużjoni soċjali jistħoqqilha attenzjoni msaħħa f'dan il-kuntest fid-dawl tal-importanza tal-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, li huwa wieħed mill-ħames miri tal-UE fl-Istrateġija għat-Tkabbir Ewropa 2020. L-esperjenza tal-Aġenzija fil-ġbir ta' informazzjoni dwar l-esperjenza ta' inklużjoni soċjali tar-Rom u ta' minoranzi oħra u gruppi vulnerabbli (pereżempju permezz ta' stħarriġiet bħal EU-MIDIS: l-istħarriġ tal-UE dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni jew proġetti bħal SIMPS: il-ġbir ta' informazzjoni dwar il-politiki nazzjonali u reġjonali / lokali dwar l-inklużjoni soċjali u l-parteċipazzjoni tal-migranti fis-soċjetà) jista' wkoll ikun ta' benefiċċju għall-ħidma futura tal-Aġenzija, bħal pereżempju fil-kuntest tal-Istħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali imminenti jew fid-dawl ta' prijoritajiet tal-UE marbuta mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Għandhom jiġu mfittxija sinerġiji u komplementarjetà mal-ħidma ta' atturi oħra bħal l-EUROFUND u l-Eurostat, u tissaħħaħ il-kooperazzjoni eżistenti. Ta' min jinnota li attenzjoni akbar fuq l-inklużjoni soċjali fil-Qafas Pluriennali tal-Aġenzija ġie mitlub mill-partijiet interessati matul il-konsultazzjoni pubblika li saret fl-2015 mill-Aġenzija u mill-Kunsill Amministrattiv tal-Aġenzija fl-opinjoni tiegħu dwar il-Qafas Pluriennali li jmiss. Kien ukoll mitlub mill-Parlament Ewropew[67].

66 http://fra.europa.eu/en/theme/roma.

67 Pereżempju, ir-Riżoluzzjoni tal-14 ta' Settembru 2011 dwar l-istrateġija tal-UE għall-Persuni Bla Dar, Rapport tar-Rapporteur għar-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Qafas Pluriennali 2013-2017.

2016/0204 (APP)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi Qafas Pluriennali għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għall-2018-2022

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 352 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew[68],

Filwaqt li jaġixxi f'konformità ma' proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) Biex l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali ("l-Aġenzija") biex twettaq il-kompiti tagħha sew, qafas pluriennali li għandu jiġi adottat mill-Kunsill kull ħames snin, li jiddetermina l-oqsma tematiċi ta' ħidmet l-Aġenzija skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali[69].

(2) L-ewwel Qafas Pluriennali ġie addotat mill-Kunsill fid-Deċiżjoni 2008/203/KE tat-28 ta' Frar 2008 li timplimenta r-Regolament (KE) Nru 168/2007 fir-rigward tal-adozzjoni ta' Qafas Pluriennali għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għall-2007-2012[70]. It-tieni Qafas Pluriennali ġie addotat mill-Kunsill fid-Deċiżjoni 252/2013/UE tal-11 ta' Marzu 2013 li tistabilixxi Qafas Pluriennali għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali[71].

(3) Il-Qafas Pluriennali jinħtieġ li jinkludi dispożizzjonijiet maħsuba sabiex ikun hemm kumplimentarjetà mar-responsabbiltajiet ta' korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni, u kif ukoll mal-Kunsill tal-Ewropa u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra attivi fil-qasam tad-drittijiet fundamentali. L-iktar aġenziji u korpi relevanti tal-Unjoni relatati ma' dan il-Qafas Pluriennali huma l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Ażil (European Asylum Support Office, EASO) stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 439/2010[72], l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (FRONTEX) stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 2007/2004[73], in-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni stabbilita mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE[74], l-Istitut Ewropew għall-

68 ĠU C , , p. .
69 ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1.
70 ĠU L 63, 7.3.2008, p. 14.
71 ĠU L 79, 21.3.2013, p. 1.
72 ĠU L 132, 29.5.2010, p. 11.
73 ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1.
74 ĠU L 131, 21.5.2008, p. 7.

Ugwaljanza bejn is-Sessi (European Institute for Gender Equality, EIGE) stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1922/2006[75], il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta (European Data Protection Supervisor, EDPS) stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 45/2001[76], l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerk u l-Informazzjoni (ENISA) stabbilta bir-Regolament (KE) Nru 460/2004[77], l-Unità għall-Kooperazzjoni Ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea (EUROJUST) stabbilita mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI[78], l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (EUROPOL) stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI[79], il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL) stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI[80], il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (EUROFOUND) stabbilita mir-Regolament (KEE) Nru 1365/75[81] u l-Aġenzija Ewropea għall-Tmexxija Operazzjonali tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja (eu-LISA) stabbilitia mir-Regolament (UE) Nru 1077/2011[82].

(4) L-oqsma tematiċi ta' ħidmet l-Aġenzija jinħtieġ li jinkludu l-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata.

(5) Fit-tħejjija tal-proposta tagħha, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija u rċeviet kummenti bil-miktub fl-1 ta' Marzu 2016. Il-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija ġie kkonsultat fil-laqgħa tiegħu tad-19-20 ta' Mejju 2016.

(6) L-Aġenzija, b'talba tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni, sakemm ir-riżorsi finanzjarji u umani tagħha jkunu jippermettu dan, tista' taħdem barra mill-oqsma tematiċi determinati mill-Qafas Pluriennali, skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 168/2007.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1
Qafas Pluriennali

1. B'dan huwa stabbilit Qafas Pluriennali għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali ("l-Aġenzija") għall-perjodu 2018-2022.

2. L-Aġenzija għandha, f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 168/2007, twettaq il-kompiti ddefiniti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament fl-ambitu tal-oqsma tematiċi stabbiliti fl-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2
Oqsma tematiċi

L-oqsma tematiċi msemmijia fl-Artikolu 1(2) għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) l-aċċess għall-ġustizzja u l-vittmi tal-kriminalità;

---

[75] ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.
[76] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
[77] ĠU L 077, 13.03.2004, p. 1.
[78] ĠU L 63, 6.3.2002, p. 1.
[79] ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.
[80] ĠU L 256, 1.10.2005, p. 63.
[81] ĠU L 139, 30.5.1975, p. 1.
[82] ĠU L 286, 1.11.2011, p. 1.

(b) l-ugwaljanza u nondiskriminazzjoni;

(c) is-soċjetà tal-informazzjoni u, b'mod partikolari, ir-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni tad-dejta personali;

(d) kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija;

(e) il-migrazzjoni, il-fruntieri, l-ażil u l-integrazzjoni tar-refuġjati u l-migranti;

(f) ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata;

(g) id-drittijiet tat-tfal;

(h) L-integrazzjoni tar-Rom u l-inklużjoni soċjali.

Artikolu 3
Komplementarjetà u kooperazzjoni ma' korpi oħra

1. L-Aġenzija għandha tiżgura kooperazzjoni u koordinazzjoni xierqa ma' korpi, uffiċċji u aġenziji rilevanti tal-Unjoni, mal-Istati Membri, mal-organizzazzjonijiet internazzjonali u mas-soċjetà ċivili, f'konformità mal-Artikoli 6, 7, 8 u 10 tar-Regolament (KE) Nru 168/2007, għall-implimentazzjoni tal-Qafas Pluriennali.

2. L-Aġenzija tittratta kwistjonijiet relatati mad-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-ġeneri biss bħala parti minn, u sal-punt relevanti għal, xogħolha li għandu jsir fuq il-kwistjonijiet ġenerali ta' diskriminazzjoni msemmija fl-Artikolu 2(b), fil-kunsiderazzjoni li huwa f'idejn l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)[83] biex jiġbor id-dejta dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-diskriminazzjoni bejn is-sessi. L-Aġenzija u l-EIGE jinħtieġ li jikkooperaw f'konformità mal-ftehim ta' kooperazzjoni tat-22 ta' Novembru 2010[84].

3. L-Aġenzija għandha tikkoopera ma' korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni bħalma huma l-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (EUROFOUND)[85] f'konformità mal-ftehim ta' kooperazzjoni tat-8 ta' Ottubru 2009[86]; l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (FRONTEX)[87] skont il-ftehim ta' kooperazzjoni stabbilit fis-26 ta' Mejju 2010[88]; mal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Ażil (EASO)[89] skont Ftehim ta' Ħidma tal-11 ta' Ġunju 2013[90]; u l-unità Ewropea ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja (EUROJUST)[91] skont il-*Memorandum* ta' Ftehim tat-3 ta' Novembru 2014[92]. Barra minn hekk, hija għandha tikkoopera mal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (EUROPOL)[93], il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL)[94], in-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni[95], u l-Aġenzija għall-ġestjoni operazzjonali ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja (EU-Lisa)[96] skont il-ftehimiet ta' kooperazzjoni ġejjiena.

---

83 Stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1922/2006, ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.
84 http://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/1257-FRA-EIGE-cooperation-agreement_MT.pdf.
85 Stabbilit bir-Regolament (KEE) Nru 1365/75 ĠU L 139, 30.5.1975, p. 1.
86 http://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/1961-eurofound-fra-cooperation-agreement_EN.pdf.
87 Stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 2007/2004, ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1.
88 http://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/891-Cooperation-Agreement-FRA-Frontex_en.pdf.
89 Stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 439/2010, ĠU L 132, 29.5.2010, p. 11.
90 http://fra.europa.eu/sites/default/files/fra-easo-cooperation-agreement-.pdf.
91 Stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI, ĠU L 63, 6.3.2002, p. 1.
92 http://fra.europa.eu/sites/default/files/mou_fra_-_eurojust.pdf.
93 Stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.
94 Stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI, ĠU L 256, 1.10.2005, p. 63.
95 Stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE ĠU L 131, 21.5.2008, p. 7.
96 Stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1077/2011, ĠU L 286, 1.11.2011, p. 1.

4. L-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti tagħha fl-oqsma kollha relatati mar-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni tad-dejta personali bħala appoġġ lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-UE, u mill-Istati Membri sabiex jassiguraw li dawn id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi huma rispettati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, korpi, uffiċċji u aġenziji. Hi u tagħmel dan hija għandha tiżgura l-komplimentarjetà mal-ħidma tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta (KEPD)[97], il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta, l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA)[98] u ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (Joint Research Centre, JRC).

5. L-Aġenzija għandha tikkoordina l-attivitajiet tagħha ma' dawk tal-Kunsill tal-Ewropa f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 u f'konformità mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Ewropa dwar il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u l-Kunsill tal-Ewropa[99], imsemmi f'dan l-Artikolu.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2018.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

[97] Stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1922/2006, ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.
[98] Stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 460/2004, ĠU L 077, 13.03.2004, p. 1.
[99] ĠU L 186, 15.7.2008, p. 7.